**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Kumpilazzjoni numru. 977/2005**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Johann Joseph Fenech)**

**vs**

**Martin Busuttil**
**Gregory Busuttil**
**Olivia Sammut**

**Illum, 21 ta' Gunju 2017**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

**Martin Busuttil,** detentur tal-karta tal-identità bin-numru 7668M;

**Gregory Busuttil**, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 110065M;

**Olivia Sammut**, detentrici tal-karta tal-identità bin-numru 400479M.

Akkuzati talli fis-16 ta’ Mejju 2005 ghall-habta tal-10.00pm f’Hal-Far:

1. Volontarjament ikkagunajtu hsarat fuq il-vettura tal-ghamla Daewoo Racer, bin-numru ta’ registrazzjoni BAC 928, liema hsarat jammontaw ghal Lm670.79c u dan ghad-dannu ta’ Mario Farrugia minn Hal-Luqa;

2. Talli fl-istess data, lok u hin insulentajtu u heddidtu bi kliem lill-istess Mario Farrugia;

3. Talli fl-istess data, lok u hin ksirtu l-paci pubblika u l-bon ordni b’ghajjat, storbju glied jew mod iehor.

Lil Martin Busuttil wahdu akkuzat talli fl-istess data, lok u hin:

1. Ikkagunajt ferita ta’ natura hafifa fuq l-istess Mario Farrugia permezz ta’ strument li jaqta’ u bil-ponta (mus) skont kif iccertifika Dr. Jesmond Cassar MD mill-poliklinika ta’ Rahal Gdid;

2. Kellek fil-pussess tieghek strument li jaqta’ u bil-ponta (mus) minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Lil Gregory Busuttil wahdu akkuzat talli fl-istess data, lok u hin:

> Ikkagunajt ferita ta' natura hafifa fuq l-istess Mario Farrugia permezz ta' habel skont kif iccertifika Dr. Jesmond Cassar MD mill-poliklinika ta' Rahal Gdid.

Il-Qorti hija mitluba li barra li tapplika l-piena stabbilita ghal dan ir-reat, tapplika l-provvedimenti tal-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali ghas-sigurtà ta' Mario Farrugia.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat id-dokumenti esebiti u qieset il-provi kollha prodotti;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi fir-rigward tal-imputata Olivia Sammut ma tista' tinstab l-ebda htija mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni stante illi hadd mix-xhieda mressqa ma kkonferma fic-cert l-involviment taghha. In oltre fil-konfront tal-istess imputata x-xhieda prodotti jaghtu verzjonijiet kunfliggenti.

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tillibera lill-imputata Olivia Sammut minn kull akkuza.

Illi dan japplika wkoll fil-konfront tal-imputat l-iehor Gregory Busuttil.

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tillibera lill-imputat Gregory Busuttil minn kull akkuza.

Illi fir-rigward tal-involviment tal-imputat Martin Busuttil, il-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni jwasslu ghal sejbien ta' htija fl-imsemmi imputat. Ghalhekk il-Qorti qed issibu hati tal-akkuzi kif migjuba kontra tieghu.

Illi fid-dawl tal-fatt illi l-kaz ilu li sehh mis-16 ta' Mejju 2005, u ma jirrizultax lil din il-Qorti illi l-imputat kellu xi kazijiet ohra tul dawn is-snin kollha fejn l-imputat xellef difru mal-Gustizzja, il-Qorti hija tal-fehma li piena karcerarja effettiva ma hiex idoneja f'dan il-kaz.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputat Martin Busuttil hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u bl-applikazzjoni ta' l-istess Artikolu tal-Ligi qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputati fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur